MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1606/2004

**SMS Insurance Agency Limited ghan-nom tas-socjeta' estera Ecclediastical Insurance Office plc, kif surrogata fil-jeddijiet ta' Jesmond Fava u l-istess Jesmond Fava**

**vs**

**Vincent Busuttil**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Awissu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm555.51) rapprezentanti danni subiti mill-atturi wara l-incident stradali li sehh fi Triq il-Palma, Hal-Tarxien, fid-19 ta' Settembru 2002, meta l-konvenut kien qed isuq vettura

WLG 028 u habat mal-vettura IAE 443 propjeta' tal-attur Jesmond Fava, ghall-liema incident jahti unikament l-sitess konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjes stante li ghall-incident stradali de quo ma kienx jahti l-eccipjent.

Sema' x-xhieda ta' Mark Axiak, tal-attur Jesmond Fava, ta' PS 1257 Conrad Ellul u tal-konvent Vincent Busuttil. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema t-rattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaawza tirrigwarda ncident stradali li sehh fid-19 ta' Settembru 2002 fi Triq il-Palma, Hal-Tarxien bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 443 msijuqa mill-attur Jesmond Fava u l-vettura bin-numru ta-registrazzjoni WLG 028 misjuqa mill-konvemut.

Jesmond Fava xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq il-Palma, hiereg minn Hal-Tarxien u sejjer lejn Tal-Barrani. Huwa kien miexi bil-moghod u qed javvicina l-*lights* meta giet il-vettura tal-konvenut mid-direzzjoni ta' Tal-Barrani u baqghet diehla fil-vettura tieghu. Il-hsara fil-vettura tal-attur kienet fiz-zewg bibien tan-naha tal-lemin filwaqt li fil-vettura tal-konvenut kienet fuq quddiem man-naha tal-lemin bejn il-fanal u l-mudguard. Fava jghid li huwa ma setgahx jigbed lejn ix-xellug minhabba d-distanza zghira li kien hemm bejn l-istage u n–naha tax-xellug tal-vettura tieghu. Huwa jsostni li l-vettufa tieghu kienet aktar lejn ix-xellug minn kif hija ndikata fl-iskizz u jsostni wkoll li l-konvenut ammetta t-tort malli hareg mill-vettura tieghu u qallu li kienet l-ewwel darba li ghadda minn hemmhekk u kien ghamel dan sabiex jiffranka li jghaddi mill-*lights* ta' Tal-Barrani. Fava jispjega li l-vettura tal-konvenut kienet kwazi qabzet kompletament in-nofs tat-triq u kienet fuq in-naha tat-triq li kien qed jiprocedi fiha hu.

Il-konvenut xehed li dakinhar tal-incident kien gej mid-direzzjoni ta’ Tal-Barrani u ried jikser lejn il-lemin sabiex jidhol fi triq li m kienx jaf x’isimha meta f’daqqa wahda ra l-vettura misjuqa minn Fava hdejn il-vettura tieghu u saret il-habta. Huwa jghid li kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq, liema triq hija wiesgha hafna. In kontro-ezami huwa qabel li minn tal-Barrani huwa dahal ma l-ewwel dahla man-naha tax-xellug tieghu u li sabiex jikser lejn il-lemin kellu jaqsam il-karreggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta. Huwa qal ukoll li jista’ jkun li l-impatt sehh fuq il-karreggjata li kien qed jiprocedi fiha l-attur izda mbaghad irribatta li fit-triq in kwistjoni ma hemmx demarkazzjoni ta’ karreggjata u li kien hemm spazju bizzejjed sabiex is-sewwieq tal-vettura l-ohra jarah u jghaddi minghajr ma ssir il-habta.

Minn ezami tal-iskizz u tal-provi prodotti mill-partijiet, u senjatament mix-xhieda tal-konvenut stess, huwa evidenti li l-incident de quo sehh unikament tort tal-konvenut. Huwa ex admissis jghid li jista’ jkun lli l-impatt sehh fil-karreggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta li minnha kien gej hu. Fil-fatt mill-iskizz jirrizulta li l-vettura tal-konvenut tinsab parzjalment fuq in-naha l-hazina tat-triq. Inoltre l-istess vettura tidher li hija angolata lejn il-lemin, u cioe’ id-direzzjoni li ried idur fiha il-konvenut. Dan jindika kjarament li l-incident sehh minhabba l-fatt li l-konvenut beda jaqsam il-karreggjata tal-vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta sabiex imbaghad jidhol fi Triq Lorenzo Gonzi li kienet fuq in-naha tal-lemin tieghu u dan minghajr ma ta kaz ghat-t traffiku li kien qed jiporcedi f’dik il-karreggjata. Huwa fil-fatt jghid li l-vettura misjuqa mill-attur raha biss mal-impatt. Il-fatt li t-triq in kwistjoni hija pjuttost wiesgha u ghalhekk il-vettura l-ohra setghat tghaddi minghajr ma jsir l-impatt, kif isostni l-konvenut, m’hijiex gustifikazzjoni adegwata u dan ghaliex l-attur kien qed jiporcedi ghad-dritt fil-karreggjata tieghu u kellu d-dritta. Kien il-konvenut li kellu l-obbligu u l-oneru lli jzomm *a proper lookout* qabel ma jibda jaqsam il-karreggjati tal-vetturi gejjin mid-d-irezzjoni opposta sabiex jidhol fi Triq Lorenzo Gonzi, haga li mix-xhieda tieghu stess jirrizulta ampjament li huwa naqas li jaghmel. Huwa kien negligenti

fis-sewqan tieghu u ghalhekk ghandu jitqies unikament responsabbli ghall-incident de quo.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi ma giex kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-atturi esebew l-ircevuti kollha in sostenn tat-talbiet taghhom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' hames mija u hamsa u hamsin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm555.51) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-sitanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Marzu 2004 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvemut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------